**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Mejju, 2019**

**Rikors nru: 142/19 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Settembru, 1992 liema certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok.JG1.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla u cioe' D li ghandha 24 sena li hija maggorenni.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone tal-5 ta' Dicembru, 2005 wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja datata 21 ta' Novembru, 2005, liema kuntratt huwa hawn anness bhala Dok. JG 2.

4. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi l-kundizzjonijiet kollha miftehmin u mnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi inkluz l-obbligu tal-hlas tal-manteniment qedghin jigu rrispettati miz-zewg partijiet.

6. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tal-esponenti liema affidavit qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok. JG 3 jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal- Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, l-esponenti qiedgha umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fiz-zmien li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi , tirregistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti li kkonfermat dak kollu li ppremettiet fir-rikors taghha.

Rat li l-intimat mhux qed joggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat li r-rikorrenti pprezentat rikors fil-5 ta'April, 2019 sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia "EF."

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom separati skond kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone fil-5 ta' Dicembru, 2005 u ghalhekk ghaddew aktar minn erba' snin rikjesti sabiex jinhall iz-zwieg.

Jikkonfermaw li m'ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni peress li llum ghandhom hajja separata minn xulxin.

Jikkonfermaw ukoll li m'hemmx pendenzi ta' manteniment bejniethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa’ t-talbiet tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe’ “EF.”

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**